# Bażilika ProtoParrokkjali San Ġorġ Martri

L-Uffiċċju Parrokkjali, Triq il-Karità, Victoria VCT 1200 | t: 2155 6377 | e: info@stgeorge.org.mt | L-Arċipriet • m: 7920 4434 | e: archprieststgeorge@gmail.com
w: www.stgeorge.org.mt | fb: www.facebook.com/stgeorge.org.mt | live streaming: www.youtube.com/StGeorgesBasilica | RADJU *Leħen il-Belt Victoria* [104.00 FM Stereo] | t: 2156 5207




Marija kienet miġbura flimkien mal-Appostli fiċ-ċenaklu meta niżel l-Ispirtu s-Santu u mela bid-dawl u l-ħeġġa l-ewwel Knisja.

Fl-okkażjoni tas-sena Marjana li qed niċċelebraw, nhar l-Erbgħa **5 ta' Ġunju fis-7.30pm** se ssir **Quddiesa bi preparazzjoni għal Pentekoste** f'Ta' Pinu għall-Parroċċi kollha. Hu mument qawwi fejn il-Knisja f'Għawdex se tafda lilha nfisha fil-protezzjoni tal-Omm tagħna Marija.

Ejjew biex flimkien niċċelebraw wieħed mill-Erbgħat Ta' Pinu fid-dawl ta' Pentekoste. Se jkollna trasport minn Santu Wistin fis-7pm. Jekk jogħġobkom inkitbu fl-Uffiċċju Parrokkjali.

*Dakinhar nerġgħu nġeddu l-memorja tal-ġrajja kbira u qawwija meta l-Madonna Ta' Pinu żaret il-Parroċċa tagħna.*

## GĦELUQ TAL-KWARANTURI SOLENNI



*Inħeġġeġ minn qalbi lil kulħadd biex nhar il-Ħadd li ġej tagħżlu l-quddiesa tal-5pm u wara l-purċissjoni bl-Ewkaristija. Kristu baqa' magħna fl-Ewkaristija, ejjew nadurawH.*

### Il-Ħadd 2 ta' Ġunju
### It-3et Jum tal-Kwaranturi Mqaddsa

| | |
|---|---|
| **12.00pm** | **Quddiesa** li tagħti bidu għall-espożizzjoni solenni tas-Sagrament Imqaddes. |
| **4.30pm** | **Għasar** solenni quddiem Ġesù espost. |
| **5.00pm** | **Konċelebrazzjoni Pontifikali** fil-Bażilka mmexxija mill-E.T. Mons. Mario Grech, bis-sehem tal-Kapitli u Kleru tal-Parroċċi u l-Komunitajiet Reliġjużi tal-Belt Victoria. |
| **6.00pm** | **Purċissjoni** bis-Sagrament Imqaddes immexxija mill-E.T. Mons. Mario Grech, li toħroġ mill-Bażilka ta' San Ġorġ u tintemm bil-Barka fil-Knisja Katidrali. |

## Il-Ħamisijiet ta' San Ġorġ



**Ir-raba' Ħamis:** 6 ta' Ġunju
**X'ħin:** 8pm
**Għal min se nitolbu?:** Kulħadd hu mistieden u se nitolbu għar-residenti tat-toroq: Kapuċċini, Mro G. Giardini Vella, Ġanni Vassallo, Fomm il-Ġir, Mattia Preti, Michele Busuttil, Luigi Camilleri, Mro Dirjanu Lanzon, Mary Meylak, P. Manwel Magri, Madonna tal-Ġilju, P. Ġjaċintu Camenzuli, Belliegħa, Sagħtar, Ġorġ Tabone, Wied is-Seqer, Wara s-Sur, Madliena, Wied Sara.

Spirtu Qaddis li ħlaqtna,
ejja lill-moħħ dawlilna,
Imla' bil-grazzja tiegħek,
il-qlub li int ħlaqtilna.



## Il-Ġabra tal-Festa ta' Ġewwa




Il-festa ta' San Ġorġ waslet. Il-Ħamisijiet għaddejjin ġmielhom. Qed jitqassmilkom **l-envelopp** ma' dan il-bullettin għall-ġabra tal-festa ta' San Ġorġ fil-Bażilika. Il-ġabra bieb bieb se tibda t-Tnejn 3 ta' Ġunju. Dawk li ma nsibuhomx hemm jekk jogħġobkom itfgħu l-offerta tagħkom fil-Knisja. Jingħatalkom poster il-ġmiel tiegħu b'tifkira. Tafu li biex issir festa xierqa rridu nistinkaw ħafna biex il-festa ta' ġewwa tkun dinjituża. Kunu ġenerużi! **San Ġorġ iberikkom**.

## ĦARĠA ANZJANI

Il-Ġimgħa 14 ta' Ġunju se ssir ħarġa. Tluq minn Pjazza Santu Wistin fis-6.30pm. Biljetti mingħand Antida Gatt 21551876 jew 99991876.

### Intenzjonijiet tal-Quddies — Agħtihom, O Mulej, il-Mistrieħ ta' Dejjem

| | |
|---|---|
| 02-06-2019 | Ġużi u Pawla Cassar |
| 03-06-2019 | Ġorġ u Stella Attard |
| 04-06-2019 | Mons. Giovanni Mercieca |
| 05-06-2019 | Ġużeppi Scicluna |
| 06-06-2019 | Rosaria Said |
| 07-06-2019 | Ġorġ u Teddy Xerri |
| 08-06-2019 | Carmelo, Kikku u Tumas Farrugia |